# MINN TLIETA SARU TLETTAX

Minn MONS. PROF. A. BONNICI

Kien fis-sena 1436 li l-Isqof Monsinjur Senatore De Mello ħass il-ħtieġa kbira li, barra mit-tliet parroċċi li ġa kienu jeżistu — fl-Imdina-Rabat, fil-Birgu u f'Għawdex — iwaqqaf għaxar parroċċi oħra ġodda imxerrdin ma Malta. B'hekk jinħaseb aħjar għall-kura spiritwali tan-nies, li l-għadd tagħhom beda jikber ġmielu u li kienu jgħammru 'l bogħod mill-parroċċi li semmejna.

Il-parroċċi ġodda, kif insibuhom imnizzlin mill-istoriku Akille Ferris (li minnu tista' tgħid ħadt l-artiklu kollu), kienu dawn: In-Naxxar, Birkirkara. Ħal-Qormi, Bir-Miftuħ, Bisqallin, Żurrieq, Siġġiewi Ħaż-Żebbuġ, il-Mellieħa u Tartarni. Tlieta minn dawn — Bir-Miftuħ, Bisqallin u Tartarni — miż-żmien bidlu isimhom.

Nibdew b'dawk li għadhom bl-istess isem.

## IL-PARROCCI TAN-NAXXAR U TA' BIRKIRKARA

Il-parroċċa tan-Naxxar bil-knisja ewlenija tagħha ddedikata lit-Twelid tal-Madanna u 3 knejjes iżgħar: tal-Assunta, ta' Sant'Agta u ta' San Anard (Leonardu), kellha soġġetti għaliha Ħar-Għargħur bil-knisja ta' San Bert (Bartilmew) u l-Mosta bil-Knisja tal-Assunta.

Marbutin mal-parroċċa ta' Birkirkara bil-knisja tagħha ta' Santa Liena (Elena) Imperatriċi fl-inħawi tal-Għargħar kien hemm il-knisja ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Gwann u li rħula ta' Ħal-Lija bil-knisja ta' Sant'Andrija, ta' Ħal-Balzan bil-knisja tal-Lunzjata, ta' H'Attard bil-knisja ewlenija tal-Assunta, ta' Ħal Bordi bi knisja oħra taħt l-istess isem u ta' Ħal Mann bil-knisja ta' San Bert.

F'Ħal-Qormi, il-knisja parrokjali kienet dik ta' San Ġorġ, li kellha ħdejha dik tal-Lunzjata u dik ta' San Mikiel. Il-parroċċa kienet testendi ruħha sa' l-Għolja Xebb-er-Ras. fejn iżjed 'il quddiem, inbniet il-Belt Valletta.

Kienu jiddependu mill-parroċċa ta' Santa Katerina Verġni u Martri taż-Żurrieq, il-Qrendi bil-knisja tal-Assunta, Ħal-Lew bil-knisja ddedikata lit-Twelid tal-Madonna, Ħal-Far bil-knisja ta' Santa Sofija, Ħal-Manin bil-knisja ta' San Nikola, Bubaqra bil-knisja ta' Sant Iljun, u Ħal-Millieri bil-knisja tal-Lunzjata...

## IL-PARROCCI TAS-SIGGIEWI. TA' HAZ-ZEBBUG U TAL-MELLIEHA

Il-knisja tas-Siġġiewi ddedikata lil San Nikola ta' Bari, li kellha mhux 'l bogħod minnha tliet knejjes żgħar oħra — tal-Viżitazzjoni tal-Madonna, ta' San Bastjan u ta' San Mikiel — kellha jiddependu minnha l-irħula ta' Ħal-Niklusi, Ħal-Kbir bil-knisja tat-Twelid tal-Madonna, Ħal-Xluq bil-knisja tal-Assunta u Ħal-Qdieri bil-knisja ta' San Ġakbu Appostlu.

Mal-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ li kellha bħala Patrun tagħha lil San Filep ta' Aġġira, kienu mgħaqqdin l-irħula Ħal-Muxi bil-knisja tal-Assunta u Ħal-Dwin bil-knisja tal-Kandlora, u Ħal-Mula.

Il-parroċċa tal-Mellieħa, li kellha knisja ddedikata lill-Madonna maż-żmien lit-Twelid tagħha, kienet tgħodd erbatax il-knisja oħra iżgħar fil-limiti tagħha.

Issa ngħaddu għal parroċċi li maż-żmien bidlu isimhom.

Nibdew bil-parroċċa ta' Bir-Miftuħ taħt il-patroċinju ta' l-Assunta. Din kienet tissejjaħ hekk għax, kif igħidu, ħdejha kien hemm bir għan-nies kollha. Dwar din il-knisja smajna ħafna dan l-aħħar. Kif l-Għaqda "Din l-Art Ħelwa", bis-saħħa ta' membri tagħha speċjalment żgħażagħ innexxielhom inaddfu u jsebbħu din il-knisja qadima u dik ta' Ħal-Millieri — Bravi.

Din il-parroċċa kellha taħtha l-irħula tal-Gudja, bil-knisja tal-Assunta, li llum saret il-parroċċa min flokha, ta' Ħal-Luqa bil-knisja taħt it-titlu ta' Sant' Andrija, ta' Ħal-Tarxien bil-knisja tal-Lunzjata, ta' Ħal-Kirkop bil-knisja ta' San Anard, ta' l-Imqabba bil-knisja tal-Assunta, ta' Ħal-Safi bil-knisja tal-Konversjoni ta' San Pawl u ta' Ħal-Farruġ bil-knisja tat-Twelid tal-Madonna.

## IL-PARROCCA TAZ-ZEJTUN

Il-parroċċa ta' Bisqallin hi dik li llum insejħu taż-Żejtun, iddedikata lill-Santa Katarina. Kif igħidu, dawk l-inħawi kienu jissejħu hekk minħabba l-għadd ġmielu ta' Sqallin li kienu jgħammru hemmhekk. Hemm ukoll min igħid li Wied-il-Għajn kien jissejjaħ Marsa Sqalli (illum Marsascala) minħabba li dak il-port kien preferit mill-baħħara Sqallin.

Mill-parroċċa ta' Bisqallin bil-knisja tagħha ta' Santa Katarina, illum magħrufa b' San Girgor, kienu jiddependu Ħal-Bisbut, Ħaż-Żabbar, li kellu bħala knisja ewlenija tiegħu dik ta' San Ġakbu, Ħal-Għaxaq bil-knisja tal-Assunta u Ħal Ġwann, raħal ċkejken ħafna.

U fl-aħħarnett insemmu li-parroċċa ta' Tartarni ħdejn il-Buskett — illum mibdula f'parroċċa ta' Ħad-Dingli. Kellha bħala Patruna tagħha lil Santa Dominika u kien jiddependi minnha ir-raħal ta' Ħad-Dingli bil-knisja tal-Assunta.

Minn dawn l-għaxar parroċċi tnejn — dik tal-Mellieħa u dik ta' Tartarni—ġew soppressi minħabba li ħafna nies parruċċani resqu iżjed il-ġewwa fil-Gżira biex ma jkunux soġġetti għall-ħebb ta' spiss tal-pirati. Il-parroċċa ta' Tartarni reġgħet twaqqfet fl-1678 taħt l-isem ġdid ta' parroċċa ta' Ħad-Dingli, bl-Assunta bħala Patruna tagħha, u dik tal-Mellieħa reġgħet twaqqet fis-sena 1844, taħt it-titlu tat-Twelid tal-Madonna.

Kien artiklu ftit xott dan tallum hux tassew? Hudu paċenzja. Forsi darb'oħra nsibu soġġett iżjed pjaċevoli. Min jistenna, jitħenna.